KUNSILL LOKALI — KALKARA — LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Id-9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 7/26**

02 ta' Lulju, 2026

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fis-2:00 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Vincent Bongailas - Kunsillier
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

**ASSENTI:**

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**7.26.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

7.26.1.1 Il-Kunsilliera kienu kollha preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali. Il-laqgħa bdiet fis-2:11pm.

**7.26.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

7.26.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 6.26 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.
Il-Kunsillier Vince Bongailas ippropona u l-Kunsillier Christopher Bruno issekonda l-minuti ta' seduta 6.26 Il-minuti ġew approvati unanimament.
Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**7.26.3** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**Xogħol ta' toqob ġodda għal struttura aħjar biex tittella' l-vara tas-Sagra Familja**

7.26.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara ħafna koordinazzjoni ma' bosta entitajiet, fil-15 ta' Ġunju beda x-xogħol biex isiru 3 toqob għal struttura aħjar sabiex tittella' l-vara tas-Sagra Familja fil-jiem tal-festa. Dan ix-xogħol applikaw għalih ic-'Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja' u li aħna bħala Kunsill Lokali ma sibnix oġġezzjoni li jsir. Dan ix-xogħol li sar mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (Public Works) tlesta kompletament sal-21 ta' Ġunju.

**Laqgħa mad-direttur artistiku ta' Regional Mosaic**

7.26.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fid-19 ta' Ġunju Iltaqa' mas-Sur Falzon, id-direttur artistiku ta' Regional Mosaic bħala parti mill-programm tas-sena kulturali tar-Reġjun Port. Miegħu ġie l-artist Luigi Rossi li fil-passat ħdimna miegħu fuq biċċiet ta' arti li għandna fl-uffiċju amministrattiv. L-artist Rossi ser ikun qed jaħdem fuq installazzjoni tal-arti li ser tiġi nstallat mal-ħajt fix-Xatt tal-Kalkara bħala parti mill-legat tas-sena kulturali.

**Vann tal-elettriku tal-Kunsill Lokali b'tarġa elettronika**

7.26.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li d-daħħal għal manutenzjoni il-vann tal-elettriku tal-Kunsill Lokali (Kalkara Transport), mit-22 ta' Ġunju 2026 beda jopera b'tarġa elettronika li żgur ser tkun ta' użu għall-anzjani biex jitilgħu u jinżlu mill-istess vann. Dan ix-xogħol kien maqbul li jsir f'seduti preċedenti tal-Kunsill Lokali fuq proposta tal-Viċi Sindku Speranza Chircop. It-tarġa li toħroġ u tidħol awtomatikament meta tinfetaħ u tingħalaq il-bieba saret fuq iż-żewġ naħat tal-vann. Dan ix-xogħol ġie jiswa' €1,840.80ċ inkluż VAT.

**Xogħolijiet minn kuntrattur mqabbad mill-Enemalta**

7.26.3.4 Is-Sur Aquilina informa lill-Kunsill li għal darb'oħra, fit-22 ta' Ġunju reġa' ikkomunika ma' V&C Contractors Ltd li huma l-kuntratturi mqabbda mill-Enemalta għax-xogħol li sar f'parti minn Triq Patri Mattew Sultana. Is-

Sindku talab sabiex jinformawh meta ser jitlesta' x-xogħol ta' asfalt sabiex it-triq titlesta' kif suppost. Fil-komunikazzjoni li kellu magħhom, informawh li dan ix-xogħol għandu jsir f'Lulju.

**Korrispondenza mal-Onor Chris Bonnett**

7.26.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għal darb'oħra, fit-22 ta' Ġunju huwa reġa' kiteb lil Onor Chris Bonnett, issa Ministru għall-Mobbilità Sostenibbli dwar ir-roundabout fit-tarf ta' Triq Malta Rebbieħa. Huwa ppreżenta l-imejl li bagħat lill-Ministru rigward din ir-roundabout. Is-Sindku qal li rċieva risposta mingħand il-kap tas-segretarjat fejn ġie infurmat li se jkunu diskussi x'miżuri ta' mitigazzjoni jistgħu jittieħdu.

**Laqgħa mas-Supretendent Micallef rigward il-Festa**

7.26.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku qal li talbu li ssir laqgħa mas-Supretendent Micallef dwar xi punti importanti għall-Festa 2026. Liema laqgħa saret illum 22 ta' Ġunju fl-għassa ta' Bormla. Fost punti mitkellma kien hemm l-imwejjed u s-siġġijiet, il-gabbani u s-sigurtà. Kien maqbul li f'data partikolari f'Lulju ssir laqgħa dan ma' tal-ħwienet. Il-Viċi Sindku għaddiet rimarka li jista' jkun propost li dak il-ħin tal-marċ tal-ħwienet iżarmaw l-imwejjed. Is-Sindku rrimarka li din kienet proposta wkoll waqt il-laqgħa mal-pulizija, però il-pulizija diġà nfurmawna li huma ristretti fl-ammont ta' pulizija li jistgħu jibgħatu dakinhar minħabba nuqqas ta' staff u domanda kbira ta' uffiċjali għal-festi li se jinzertaw fl-istess perjodu tal-festa tal-Kalkara.Is-Sur Vince Bongailas rrimarka li jaqbel mal-proposta tal-Viċi Sindku. Is-Sindku reġa' semma kif din kienet ġiet proposta mal-pulizija waqt il-laqgħa li saret, però qiegħed jistenna li din tiġi diskussa fil-laqgħa li se jkollhom ma tal-ħwienet sabiex jaslu fi ftehim. Is-Sindku nforma lill-kunsill li se jinformahom meta se ssir il-laqgħa sabiex jekk ikunu jridu jkun jistgħu jattendu għaliha wkoll.

**Żjara fix-xelter flimkien fil-preżenza tal-Ministru għall-Gvern Lokali**

7.26.3.7 Is-Sindku nforma lill-kunsill li flimkien mal-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, fil-25 ta' Ġunju huma żaru x-Xelter fil-preżenza tal-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi Alison Zerafa Civelli. Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Permanenti s-Sur Emil Vassallo u rappreżentanti minn Clean Malta u Public Works. Attendew ukoll l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara. Is-Sindku rimarka li waqt din il-laqgħa ġie diskuss il-ħsieb li fix-xhur li ġejjin dan ix-xelter jinfetaħ għall-pubbliku waqt 'Open Day' u jkun f'kundizzjoni aċċessibbli.

**Sottomissjoni ta' applikazzjoni għal skema SPI/SCI/04/2026**

7.26.3.8 Is-Sur Aquilina qal li l-kunsill tefa l-applikazzjoni tiegħu għall-iskema SPI/SCI/04/2026- fil-25 ta' Ġunju għal fondi ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Kif kien maqbul f'seduti preċedenti, qal li l-kunsill applika sabiex jinbidlu l-fanali ta' Wesgħet l-10 ta' Diċembru 1897 u ta' ħdejn l-appartamenti f'Dawret Fra Giovanni Bighi.

**Għeluq tas-sejħa ta' Administration Officer II**

7.26.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fis-26 ta' Ġunju ingħalqet is-sejħa nterna għal Administration Officer II fi skala 10, fi ħdan il-Kunsill Lokali tagħna. Għal din is-sejħa kellna applikazzjoni waħda li nstabet eliġibbli skont ir-rekwiżiti għad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u skont dak li talab il-Kunsill Lokali.

**Laqgħa Plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli lokali**

7.26.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsilliera is-Sa. Maria Sultana, fis-27 ta' Ġunju attenda f'isem il-Kunsill Lokali għall-Plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni għall-Kunsill Lokali bit-tema 'Reshape, Restructure, Realign'

**Ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl fl-uffiċini tal-kunsill lokali**

7.26.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kif kien diġà' ġie maqbul f'seduta preċedenti, bdew jitħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma fl-uffiċju amministrattiv mill-1 ta' Lulju. Fl-ewwel jum, kien hemm 5 kontijiet li tħallsu ġewwa l-Kunsill Lokali.

**Tneħħija ta' Ġebel goff fil-bajja tar-Rinella**

7.26.12 Is-Sur Aquilina informa lill-Kunsilliera li fl-1 ta' Lulju, wara koordinazzjoni ma' 'Clean Malta', inġib makkinarju fosthom crane u bob cat sabiex jitneħħa ammont ta' ġebel goff miż-żona tar-ramel fil-bajja ta' Rnella.
Is-Sindku informa li l-preparamenti għal-Lejla Rnella mixjin tajjeb. Infatti llum, żvelajna din l-attività, eżatt xahar qabel.

**7.26.4** **Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Il-Viċi-Sindku, is-Sa. Speranza Chircop:

7.26.4.1 Is-Sa Speranza Chircop issuġġeriet li ssir talba b'mod uffiċjali mill-Kunsill Lokali lill-Ministeru tat-Trasport sabiex bħal irħula oħra jkun hawn 'circular bus' li ddur mal-Kalkara. Is-Sindku rimarka li hu suġġeriment tajjeb ħafna u ħeġġiġha bħala kunsilliera responsabbli mit-Trasport sabiex tibgħat din l-imejl f'isem il-Kunsill Lokali.

7.26.4.2 Il-Viċi Sindku għaddiet rimarka li kellha minn kellimha fuq karrijiet ta' dgħajjes li qed ikunu mqabbda mal-karozzi u pparkjati għal żmien fit-tul f'Dawret Fra Giovanni Bighi. Is-Sindku rrimarka li m'hemm xejn fil-liġi li tista' twaqqaf in-nies milli jipparkjaw hemm. Is-Sindku spjega li kellu sitwazzjoni simili u meta tkellem mal-pulizija u anke bagħat imejl lit-Transport Malta fejn kien infurmat li m'hemm xejn fil-liġi li jistipula li dan ma jistax isir.

7.26.4.3 Il-Viċi Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li nhar it-Tnejn 31 ta' Ġunju organizzat ġurnata Sqallija li kienet ta' suċċess u se tippreżenta r-rendikont fil-laqgħa li jmiss.

7.26.4.4 Is-Sa, Speranza Chircop infurmat lill-kunsill li mill-ġimgħa d-dieħla mhux se tkompli ssir il-klassi tal-eżerċizzju tal-'yoga chair' kif ukoll il-'line dancing' minħabba s-sħana.

Il-Kunsilliera, is-Sa Maria Sultana:

7.26.4.5 Il-Kunsilliera Maria Sultana infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill tal-iskola iltaqa' l-aħħar fi 3 ta' Marzu. Il-kunsilliera Maria Sultana nfurmat li hi attendiet għal laqgħat kollha li saru u ssuġġeriet ukoll li jibda jinbiegħ iż-żejt li jagħmel il-Kunsilli waqt attivitajiet li jsiru l-iskola.

7.26.4.6 Is-Sa Maria Sultana infurmat lill-Kunsilli li l-'ischool grannies' ser jagħlaq il-kuntratt tagħhom. Is-Sindku qal li se terġa' toħroġ is-sejħa, però dawk li hemm bħalissa huma msejjħin sabiex jerġgħu japplikaw. Xorta ser toħroġ sejħa pubblika bħal ma titlob il-liġi.

7.26.4.7 L-iskola qed isir 'refurbishment' u bħalissa hemm problema minħabba nuqqas ta' sorveljanza u sigurtà fl-iskola. Is-Sindku saħaq illi din il-materja ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-kunsill lokali u suġġerixxa li għandha tinforma jew lill-pulizija tal-għassa jew lill-pulizija tal-kommunità.

Il-Kunsillier, is-Sur Vince Bongailas:

7.26.4.8 Is-Sur Vince Bongailas informa lill-Kunsill li ser jibdew il-lezzjonijiet tal-isport mix-xahar id-dieħel. Ser jiddiskuti mas-Segretarju Eżekuttiv rigward id-disponibbilita' tas-sala jew biex jara meta l-aħjar jsiru l-lezzjonijiet.

**7.26.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

7.26.5.1 Il-viċi Sindku s-Sa Speranza Chircop staqsiet lis-sindku jekk huwiex minnu li nħareġ permess ta' 'No Parking' Triq ir-Regatta 1969 minħabba attivita' li kien hemm fl-Esplora foreshore. Is-Sindku wieġeb li dan il-każ jaf bih u l-persuna għamel it-talba online mis-sistema u għal daqstant la ma kienx hemm għeluq ta' toroq, il-kunsill ma setax joġġezzjona għal dan il-permess skond kif tgħid il-liġi.

7.26.5.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana ssuġġeriet li ssir aktar minn imejl waħda ġenerika u tkun skond il-ħtieġa bħal per eżempju: bulky@kalkaralc. Is-Sindku qal li se jorganizza laqgħa nterna fuq dan is-suġġett.

**7.26.6 Approvazzjoni għall-applikazzjoni ta' skemi maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali:**

**SPI/SCI/05/2026 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità**

7.26.6.1 Din hi skema li tiġbor ħafna attivitajiet/proġetti li jsaħħu l-komunità u li l-għotja massima hi ta €100,000 inkluż il-VAT u li 15% tal-ispiza trid tinħareġ mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku issuġġerixxa li jsiru jew Smart Bins jew riġenerazzjoni ta' akkwata fejn tkun tista' titgawda mill-pubbliku, jew xi 'open

gym' (fl-akkwata tal-bebbuxu), tibdil tat-tamir tal-bandli tax-Xatt jew applikazzjoni għal vann tal-elettriku tal-kunsill sabiex il-ħaddiema tal-manutenzjoni jkunu jistgħu jaħdmu bih fil-lokal. Ġie maqbul li l-kunsill japplika sabiex jixtri van tal-elettriku għal benefiċċju tal-Kunsill.

7.26.6.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana issuġġeriet li flimkien mal-iskola issir talba għal 'outdoor gym' fejn hemm Ġnien Nicole Zahra. Is-Sindku wieġeb li jaqbel mal-proposta u sabiex tmexxi b'din il-proposta.

**SPI/SCI/06/2026 – Karnival 2027**

7.26.6.3 Is-Sindku qal li din l-iskema ħarġet kmieni sabiex il-kunsilli ma jkollomx għalfejn jorganizzaw kollox fi żmien qasir. Dan il-finanzjament hu ta massimu ta' €5000. Talab għal approvazzjoni tal-Kunsill sabiex japplikaw għal din l-iskema fejn kien hemm qbil unanimu fuq din il-materja.

## 7.26.7 Rapporti

7.26.7.1 B'mod ġenerali l-indafa fit-toroq hi tajba apparti fi Triq l-Għassieli fejn mhux qed tkun miżmuma daqshekk b'mod nadif.

7.26.7.2 Ġbir ta' skart – Mixi b'mod tajjeb b'kordinazzjoni effettiva bejn il-Cleansing Department u l-Kunsill Lokali. Fejn kien hemm nuqqasijiet ġie rrimarkat u sar b'mod immedjat.

7.26.7.3 Soft area- Ġie nnotat li f'Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897, quddiem l-uffiċini tal-kunsill lokali, hemm pots fejn jeħtieġu l-attenzjoni iżda b'mod ġenerali qed jiġi offrut servizz tajjeb ħafna.

7.26.7.4 Ġbir ta' Skart goff – Qed jingħata servizz tajjeb ħafna.

7.26.7.4 Dawl tat-toroq – Waqt l-ispezzjonijiet li jsiru kemm kmieni filgħodu kif ukoll filgħaxijiet, ġew identifikati numru ta' lampi kemm tal-kunsill kif ukoll tal-enemalta fejn dawn diġa' ġew irraportati.

## 7.26.8 Permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar

Ma kienx hemm.

## 7.26.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

Il-Viċi Sindku Speranza Chircop ipproponiet u l-Kunsilliera Maria Sultana issekondat l-iskeda tal-pagamenti No 7/26. Dawn ġew approvati b'mod unanimu.

**7.26.10** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

7.26.10.1 Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Speranza Chircop u issekondata mill-Kunsillier Vince Bongailas, il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 12 ta' Awwissu fis-2:00pm. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-seduta ntemmet fit-16:07, wara li ġiet eżawrita l-aġenda.

Konfermati, illum 18 ta' Awwissu, 2026

Wayne Aquilina
Sindku

Karen Scicluna
Segretarju Eżekuttiv